MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 853/2002

Kawza fil-lista: 34

***B V***
**vs**
***X V***

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fl-14 ta’ Gunju 1983 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t’itfal, *T* u *Y*, li ghadhom minorenni; li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta’ l-attur ta’ mohqrija psikologika, eccessi, sevizzi, minacci u ngurji gravi, b’ mod li llum iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenuta; [2] tafda l-kura u kustodja tal-minuri f’ idejn l-attur; [3] jew taghti lill-

attur access ampju ghat-tfal minuri; [4] tordna li l-konvenuta thallas lilu manteniment ghat-tfal minuri; [5] ixxolji, tillikwida u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti; [6] tapplika fil-konfront tal-konvenuta d-dispost ta' l-artikoli 48 u 50 tal-Kap.16; [7] tordna sabiex il-konvenuta tivvaka mid-dar matrimonjali, stante li din hija proprjeta' parafernali ta' l-attur, u tawtorizza lill-istess attur sabiex jibqa' jabita fl-istess fond flimkien ma' uliedu; bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta cahdet it-talbiet attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, l-affidavits prezentati u r-rapporti tal-periti teknici u tal-perit legali;

Rat is-sentenza moghtija llum fil-kawza numru 1879/01NC fl-ismijiet inversi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partiet, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha taghha l-konvenuta qed tattribwixxi t-tort tat-tkissir taz-zwieg lill-attur fit-termini ta' l-artikolu precitat.

**Fatti**

Illi l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Gunju 1983 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewg t'itfal, *T* u *Y*, li llum huma maggjorenni. Wara sittax il-sena konvivenza matrimonjali l-partijiet fethu l-proceduri odjerni.

**Konsiderazzjonijet tal-Qorti**

Illi l-Qorti taghmel ampja referenza ghas-sentenza moghtija llum fil-kawza numru 1879/01NC fl-ismijiet inversi u taddotta l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti f' dik is-sentenza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba u tiddikijara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenuta;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' talba stante li t-tfal illum saru maggjorenni;

[3] tilqa' l-hames talba fis-sens gja deciz, fis-sentenza fuq indikata;

[4] tichad is-sitt talba;

[5] tilqa' is-seba' talba, u tordna li l-konvenuta tivvaka mill-fond 56 Rosewood, Triq F. Zahra, Birkirkara, fi zmien xahar; u tordna li dan il-fond ma jibqax jitqies aktar bhala l-fond matrimonjali;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------